



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Lulju 2024
(OR. en)

12285/24
ADD 1
LIMITE
PV CONS 41
AGRI 571
PECHE 293

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(**Agrikoltura u Sajd**)
15 ta' Lulju 2024

AGRIKOLTURA

Attivitajiet mhux leġislattivi

4. **Vijabbiltà ta' żoni rurali – tiġdid ġenerazzjonali u aspetti demografiċi** 12040/24
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-vijabbiltà ta' żoni rurali u t-tiġdid ġenerazzjonali u l-aspetti demografiċi tagħhom.

5. **Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ** 12156/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-iżviluppi reċenti fil-kummerċ agroalimentari u fil-ftehimiet kummerċjali u f'negozjati kemm fil-livell bilaterali kif ukoll f'dak multilaterali. Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Kummissjoni, tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tat-tweġiba tal-Kummissjoni.

Il-Presidenza ser tkompli tistieden lill-Kummissjoni regolarment biex taġġorna lill-Kunsill dwar kwistjonijiet agrikoli relatati mal-kummerċ.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 12053/24

Dwar il-punt "A"
nru 1:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll (2024-2029) li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd mar-Repubblika ta' Cabo Verde
Qbil fil-prinċipju
Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawża magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet b'rabta mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jidħlu għalkollox fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet), u ħadet il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE.

Fir-rigward tad-Deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja kif ukoll dwar il-konklużjoni tal-Protokoll (2024-2029) li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde, il-Kummissjoni jiddispijaciha rigward l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali sostantiva tal-Artikolu 43(2) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu).

Għalkemm ma toponix l-adozzjoni tal-emenda tal-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."

Dwar il-punt "A"
nru 2:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll (2024-2029) li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd mar-Repubblika ta' Cabo Verde
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tad-9 ta' April 2024 fil-Kawża C-551/21, iċċarat li l-iżgurar tal-iffirmar ta' ftehimiet internazzjonali barra mill-qasam tal-PESK huwa prerogattiva tal-Kummissjoni f'konformità mat-Trattati. Għaldaqstant, ma huwiex il-Kunsill li għandu jstabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-iffirmar mill-Kummissjoni ta' ftehimiet internazzjonali barra mill-qasam tal-PESK."

Dwar il-punt "A"
nru 19:

Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex jiġu appoġġati l-Forzi Armati tan-Niġer
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(1) TUE u f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Awstrija dwar l-applikazzjoni ta' astensjoni kostruttiva fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea għall-Paċi, l-Awstrija b'dan tinnotifika lill-Kunsill bid-deċiżjoni tagħha li tastjeni mid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1136 dwar Miżura ta' Assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Niġerini b'taġhmir militari mfassal biex iwassal forza letali. L-Awstrija, filwaqt li taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà reċiproka fil-livell tal-UE, ser toqgħod lura minn kwalunkwe azzjoni li x'aktarx toħloq kunflitt ma' jew timpedixxi azzjoni tal-Unjoni bbażata fuq dik id-deċiżjoni."

Dwar il-punt "A"
nru 20:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex il-Forzi Armati Benini jiġu appoġġati b'taġhmir militari mfassal biex iwassal forza letali
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(1) TUE u f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Awstrija dwar l-applikazzjoni ta' astensjoni kostruttiva fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea għall-Paċi, l-Awstrija b'dan tinnotifika lill-Kunsill bid-deċiżjoni tagħha li tastjeni mid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex il-Forzi Armati Benini jiġu appoġġati b'taġhmir militari mfassal biex iwassal forza letali. L-Awstrija, filwaqt li taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà reċiproka fil-livell tal-UE, ser toqgħod lura minn kwalunkwe azzjoni li x'aktarx toħloq kunflitt ma' jew timpedixxi azzjoni tal-Unjoni bbażata fuq dik id-deċiżjoni. Għalhekk, l-Awstrija mhux ser tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' din il-Miżura ta' Assistenza. Minflok, l-Awstrija ser tikkontribwixxi b'mod volontarju ammont addizzjonali għal Miżura ta' Assistenza mhux sensittiva għall-Benin fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi."

DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA

"L-Irlanda tirreferi għall-Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2024¹.

F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Irlanda b'dan tagħmel dikjarazzjoni formali u tinnotifika lill-Kunsill bid-deċiżjoni tagħha li tastjeni mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2024/XXX dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex il-Forzi Armati Benini jiġu appoġġati b'taġhmir militari mfassal biex iwassal forza letali. Għalhekk, l-Irlanda mhux ser tikkontribwixxi għall-kostijiet ta' dik il-Miżura ta' Assistenza.

¹ Il-Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex jiġu appoġġati l-Forzi Armati tal-Benin b'taġhmir militari mfassal biex iwassal forza letali (10830/24).

L-Irlanda tfakkar u ttenni b'mod sħiħ id-dikjarazzjoni tagħha tas-17 ta' Marzu 2021 fil-minuti tal-COREPER u tal-Kunsill fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi.

L-Irlanda tfakkar ukoll fil-Premessa 22, l-Artikolu 27 u l-Artikolu 57(3) ta' dik id-Deċiżjoni tal-Kunsill u b'dan tindika l-preferenza tagħha li minflok tikkontribwixxi għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2024/1455 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex jiġu appoġġati l-Forzi Armati tal-Benin."

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, Malta b'dan tinnotifika lill-Kunsill bid-deċiżjoni tagħha li tastjeni milli tadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex il-Forzi Armati Beniniżi jiġu appoġġati b'taġħmir militari mfassal biex iwassal forza letali.

Kif iddikjarat fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, Malta tirriżerva d-dritt tagħha li tastjeni b'mod kostruttiv minn miżuri ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi li jippermettu l-forniment ta' taġħmir jew pjattaformi militari mfassla biex iwasslu forza letali.

Fl-ispirtu ta' solidarjetà reċiproka fil-livell tal-UE, MT ser toqgħod lura minn kwalunkwe azzjoni li x'aktarx toħloq kunflitt ma' jew timpedixxi azzjoni tal-Unjoni bbażata fuq dik id-deċiżjoni.

Filwaqt li tfakkar fl-Artikolu 27 u l-Artikolu 57(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 li tistabbilixxi l-EPF, permezz tal-impenn fakultattiv volontarju tagħna, Malta tindika l-intenzjoni tagħha li taġħmel kontribuzzjoni korrispondenti għall-baġit ta' Miżura ta' Assistenza oħra li mhix imfassla biex tforni taġħmir militari, jew pjattaformi, imfassla biex iwasslu forza letali."
